**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Diċembru 2012 (08.01)**
**(OR. en)**

**18006/12**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2011/0051(COD)**

**FRONT 182**
**CODEC 3105**
**COMIX 749**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru dok. preċ.: | 17618/12 FRONT 178 CODEC 3008 COMIX 730 |
| No. Cion prop.: | 7661/11 FRONT 31 CODEC 404 COMIX 158 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen<br>- Approvazzjoni tat-test ta' kompromess finali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari |

Il-Coreper qabel fid-19 ta' Diċembru 2012 dwar it-test tal-proposta ta' hawn fuq kif jinsab fl-Anness tad-dok. 17618/12 FRONT 178 CODEC 3008 COMIX 730 bil-ħsieb li jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Bil-għan li t-test jintbagħat lill-Parlament Ewropew, id-dokument mehmuż tħejja għax kien meħtieġ li l-formatting tekniku tad-dokument (indikazzjonijiet tal-bidliet meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni) jinġieb konformi bis-sħiħ mal-proċedura tas-soltu. It-test innifsu mhux mibdul.

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru. 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, *ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (KE) Nru 539/2001, ir-Regolament (KE) Nru 1683/95 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008***

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-*Artikolu* 77,

[redacted] (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-*parlamenti* nazzjonali,

Li qed jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-fruntieri esterni timmira lejn ġestjoni integrata biex tiżgura kontroll u sorveljanza ta' livell għoli u uniformi, li hija korollarju neċessarju għall-moviment liberu ta' persuni fl-Unjoni Ewropea u komponent fundamentali ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dan il-għan ***għandhom jiġu stabbiliti*** regoli komuni dwar standards u proċeduri għall-kontroll tal-fruntieri esterni, ***b'kont meħud tal-pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri fil-fruntieri esterni***. ***Ir-regoli stipulati għandhom ikunu rregolati mill-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.***

***(1a) Il-moviment liberu tal-poplu fiż-żona Schengen kien wieħed mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea. Il-libertà tal-moviement hija dritt fundamentali, li l-kondizzjonijiet għall-eżerċitar tagħha huma stipulati fit-Trattati u fid-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membr1i.***

***(1b) It-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni titlob fiduċja reċiproka sħiħa bejn l-Istati Membri dwar il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw b'mod sħiħ il-miżuri ta' akkompanjament li permezz tagħhom dawk il-kontrolli jitneħħew.***

1fn

(2) Fit-13 ta’ Ottubru 2006 daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[1].

(3) Wara erba’ snin ta’ applikazzjoni prattika, inħasset il-ħtieġa li jsiru għadd ta’ emendi, imsejsa fuq l-esperjenzi fil-prattika tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, inklużi r-riżultati tal-Valutazzjonijiet ta’ Schengen, ir-rapporti u t-talbiet li tressqu mill-Istati Membri, ***kif ukoll l-inizjattivi leġislattivi u l-iżviluppi fil-liġi primarja u sekondarja tal-Unjoni, u l-ħtieġa għal kjarifika u elenkar aktar effiċenti tal-kwistjonijiet tekniċi kritiċi***.

(4) Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-***21*** ta' Settembru 2009 dwar l-operat tad-dispożizzjonijiet dwar l-ittimbrar ta’ dokumenti tal-ivjaġġar ta’ ċittadini ta' pajjiżi terzi skont l-Artikoli 10 u 11 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[2] kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III (Fruntieri Interni) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen[3] fihom suġġerimenti konkreti għal emendi tekniċi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.

[1] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
[2] (COM(2009) 489).
[3] (COM(2010) 554).

(5) Leġislazzjoni tal-***Unjoni*** li ġiet adottata reċentement, b'mod paritikolari r-Regolament (KE) Nru. 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)[1] u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment[2] teħtieġ ċerti emendi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

***(5a) Bl-istess mod, ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika ta' Franza dwar l-abolizzjoni gradwali tal-verifiki fuq il-fruntieri komuni tagħhom[3] (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen") għandhom jiġu emendati sabiex jirreflettu l-bidliet fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u s-sitwazzjoni legali attwali.***

1 ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.
2 ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.
3 ***ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.***

*(5b)* *B'segwitu għall-Kawża C-241/05 Nicolae Bot v Préfet du Val-de-Marne*[1]*, inqalgħet il-ħtieġa li jiġu emendati r-regoli li jittrattaw il-kalkolu tat-tul ta' żmien awtorizzat għal soġġorni għal perjodu qasir fl-Unjoni.* ***Regoli ċari, sempliċi u armonizzati fl-atti legali kollha li jittrattaw din il-kwistjoni jkunu ta' benefiċċju kemm għal min jivvjaġġa kif ukoll għall-awtoritajiet tal-fruntiera u tal-viża.*** *Għal dawn ir-raġunijiet, il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)*[2]*, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)*[3]*, ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa*[4]*, ir-Regolament (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża*[5] *u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)*[6]*, għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.*

---

1 ***Ġabra 2006 Paġna I-09627.***
2 ***ĠU L 105, 13.10.2006, p. 1.***
3 ***ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.***
4 ***ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.***
5 ***ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1.***
6 ***ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.***

*(5c)* *L-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea*[1] *(Frontex) ittejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni u tipprovdi titjib ulterjuri tar-rwol tal-Aġenzija b'konformità mal-objettivi tal-Unjoni li tiżviluppa politika fid-dawl tal-introduzzjoni gradwali tal-kunċett ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.*

(6) Sabiex id-dispożizzjonijiet tal-***Kodiċi*** tal-Fruntieri ta' Schengen jiġu allinjati mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ***TFUE*** għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza skont l-Artikolu 12(5), kif ukoll ta' emendi għall-***Annessi ta' dak ir-Regolament***, skont l-Artikolu ***32 ta' dak ir-Regolament***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'ħin xieraq u adatta tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

1 ***ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1.***

(7) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprovdi emendi tekniċi fir-regoli eżistenti tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ***ma*** jista***x jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar*** fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni ▌ tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit ukoll f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb ***dak*** l-objettiv.

(8) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja fir-rigward tal-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[1], li jaqgħu fl-ambitu imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE dwar ċerti arrangamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim[2].

(9) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament huwa żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu indikat fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim[3].

---

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[3] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

(10) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament huwa żvilupp tal-acquis ta' Schengen, skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqa' fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punti A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE[1].

(11) Skont l-Artikoli 1 u 2 ta' Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka, b'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi jekk hix ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament.

---

1 ĠU L 83, 26.3.2008, p. 5.

(12) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fejn ir-Renju Unit ma jiħux sehem, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen1[1]. Għalhekk ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(13) Dan ir-Regolament huwa żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tieħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[2]. Għalhekk l-Irlanda mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u la hi marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

1 ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
2 ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

*Artikolu 1*

*Emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) fil-punt 1, il-punt (c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-portijiet tal-baħar, tax-xmajjar u tal-lagi tal-Istati Membri għal kollegamenti regolari interni bit-traġett ▌;";

(b) fil-punt 4 l-kelmiet "kollegament regolari bi traġett" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "kollegament regolari intern bit-traġett";

▌

(d) fil-punt 5 l-frażi "persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu" qed tiġi sostitwita b'dan li ġej "persuni li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni";

(e) fil-punt 5(a) l-frażi "Artikolu 17(1)" qed tiġi sostitwita bil-frażi "Artikolu 20(1)";

(f) fil-punt 5(b) il-kelma "il-Komunità" qed tiġi sostitwita bil-kelma "l-Unjoni";

(g) fil-punt 6 l-frażi "Artikolu 17(1)" qed tiġi sostitwita bil-frażi "Artikolu 20(1)";

***(ga) għandu jiddaħħal il-punt 8a li ġej:***

***"8a*** 'punt kondiviż tal-qsim tal-fruntiera' tfisser kwalunkwe punt tal-qsim tal-fruntiera li jkun jew fit-terrotorju ta' Stat Membru jew fit-territorju ta' pajjiż terz, li fih il-gwardji tal-fruntiera tal-Istat Membru u l-gwardji tal-fruntiera tal-pajjiż terz iwettqu kontrolli tad-dħul u tal-ħruġ bi qbil mal-leġislazzjoni tagħhom stess u skont ftehim bilaterali;";

(h) il-punt 15 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"'permess ta' residenza' tfisser:

"(a) il-permessi ta' residenza kollha maħruġa mill-Istati Membri skont il-format uniformi stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz* u għall-karti ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE;

(b) kull dokument ieħor maħruġ minn Stat Membru lil ċittadin ta' pajjiż terz li jawtorizzah joqgħod fit-territorju tiegħu, li kien is-suġġett ta' notifika u pubblikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 34, bl-eċċezzjoni ta':

(i) permessi temporanji maħruġa sakemm tiġi eżaminata l-ewwel applikazzjoni għal permess ta' residenza kif stipulat fil-punt (a) jew applikazzjoni għal asil u

(ii) viżi maħruġa mill-Istati Membri fil-format uniformi stipulat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 ***tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi**;***

______________________

* ***ĠU L 157, 15.9.2009, p. 1.***

** ***ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1.";***

*(ha) għandu jiddaħħal il-punt 18a li ġej:*

***"'ħaddiem lil hinn mill-kosta' tfisser persuna li taħdem fi stallazzjoni offshore li tinsab barra l-ilmijiet territorjali imma f'żona ta' sfruttar ekonomiku marittimu tal-Istati Membri kif definit mil-liġi marittima internazzjonali, u li jirritorna regolarment bil-baħar jew bl-ajru fit-territorju tal-Istati Membri;".***

(2) Fl-Artikolu 3, il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għad-drittijiet ta' persuni li jgawdu mid-dritt għal moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni;".

***(2a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:***

***"Artikolu 3a***

***Drittijiet Fundamentali***

***Meta jiġi applikat dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'rispett sħiħ tal-liġi relevanti tal-Unjoni, inklużi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali"); tal-liġi internazzjonali rilevanti, inkluża l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"); tal-obbligi marbutin mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement; u d-drittijiet fundamentali. Skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE, id-deċiżjonijiet meħudin skont dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati fuq bażi individwali.".***

(3) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, jistgħu jkunu permessi eċċezzjonijiet għall-obbligu li wieħed jaqsam fruntieri esterni biss f'punti ta' qsim tal-fruntiera u waqt ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti:

"(a) għal individwi jew gruppi ta' persuni, fejn hemm rekwiżit ta' natura speċjali għall-qsim ta' kultant tal-fruntieri esterni minn punti differenti minn dawk tal-qsim tal-fruntiera jew barra l-ħinijiet tal-ftuħ fissi, basta li jkunu fil-pussess tal-permessi meħtieġa mil-liġi nazzjonali u li dan ma jkunx f'konflitt mal-interessi tal-politika pubblika u s-sigurtà interna tal-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arrangamenti speċifiċi fil-ftehimiet bilaterali. ***L-eżenzjonijiet ġenerali previsti mil-liġi nazzjonali u l-ftehimiet bilaterali għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34***;

(b) għal individwi jew gruppi ta' persuni f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza mhux prevista;

***(c) f'konformità mar-regoli speċifiċi stabbiliti bl-Artikoli 18 u 19 flimkien mal-Annessi VI u VII;".***

(4) L-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

“(a) fil-paragrafu 1, il-test introduttorju u l-punt (a) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Fil-każ ta’ permanenza fit-territorju tal-Istati Membri ta’ mhux aktar minn ***90 jum*** fi kwalunkwe perijodu ta’ ***180 jum*** ▌, ***li jinkludi li l-aħħar perjodu ta' 180 jum jitqies f'kull jum ta' soġġorn***, il-kondizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi għandhom ikunu kif ġej:

“(a) ikollhom dokument validu tal-ivvjaġġar ***li jintitola lid-detentur*** jaqsam il-fruntiera u li jkun jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(i) il-validità tiegħu għandha tkun ta' mill-inqas tliet xhur wara d-data ppjanata tat-tluq mit-territorju tal-Istati Membri. F’każ ta’ emerġenza ġġustifikat, dan l-obbligu jista’ jitneħħa.

(ii) għandu jkun inħareġ fl-għaxar snin preċedenti.";

***(aa) fil-paragrafu 1, wara l-punt (e), għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:***

***"1a. Għall-iskopijiet tal-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, il-jum tad-dħul għandu jkun ikkalkulat bħala l-ewwel jum ta' soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri u l-jum tal-ħruġ għandu jkun jkun ikkalkulat bħala l-aħħar jum tas-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri. Il-perijodi ta' soġġorn awtorizzati skont il-viża nazzjonali ta' soġġorn fit-tul jew permess ta' residenza m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu.";***

(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"a) ċittadini ta' pajjiż terz li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 iżda li jkollhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn fit-tul għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħra għal skop ta' transitu sabiex ikunu jistgħu jaslu fit-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn fit-tul, sakemm isimhom ma jkunx fuq il-lista nazzjonali ta' allerti tal-Istat Membru li tiegħu jkunu qed jippruvaw jaqsmu l-fruntieri esterni u li l-allert ma jkunx akkumpanjat minn istruzzjonijiet biex jiġi rrifjutat id-dħul jew it-transitu;"

(ii) fil-punt (b), l-ewwel u t-tieni paragrafi għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"ċittadini ta' pajjiż terz li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, ħlief dik il-punt (b), u li jippreżentaw ruħhom fuq il-fruntiera jistgħu jiġu awtorizzati jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jekk tinħareġ viża fil-fruntiera skont l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi*.***

L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika dwar il-viżi maħruġa fil-fruntieri skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 810/***2009 u l-Anness XII tiegħu.***

---

* ĠU L243, 15.9.2009, p. ***1.*** ".

***(4a) Fl-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. Il-gwardji tal-fruntiera għandhom, fit-twettiq ta' dmirijiethom, jirrispettaw b'mod sħiħ id-dinjità umana, inkluż f'każijiet li jinvolvu persuni vulnerabbli.".***

(5) L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 il-frażi "persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu" qed tiġi sostitwita bi "persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni";

(b) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 il-frażi "persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu" qed tiġi sostitwita bi "persuni li jgawdu MID-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni";

(c) fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2 il-frażi "persuni li għandhom id-dritt Komunitarju għal moviment liberu" qed tiġi sostitwita bi "persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni";

(d) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"***Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu,*** ċittadini ***ta' pajjiżi terzi*** li jkunu soġġetti għal verifika bir-reqqa fit-tieni linja għandhom jingħataw informazzjoni bil-miktub ***b'lingwa li jifhmu jew li hekk jista' raġonevolment ikun issopponut, u jekk meħtieġ f'forma oħra***, li tiddikjara l-għan u l-proċedura ta' tali verifika.***";***

(e) fil-paragrafu 6, il-kelma ‘Komunitarju’ qed titħassar u l-frażi ‘skont il-liġi tal-Unjoni qed tiddaħħal wara l-kelma 'liberu';

(f) għandu jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8.Meta jkunu japplikaw il-punti (a) jew (b) tal-Artikolu 4(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll derogi mir-regoli stipulati f’dan l-Artikolu.".

(6) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"2. “(a) Persuni li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni huma intitolati li jużaw il-korsiji indikati bit-tabella fit-taqsima A ("UE, ŻEE, CH") tal-Anness III. Jistgħu jużaw ukoll il-korsiji indikati bit-tabella fil-parti B1 ("***mhux meħtieġa*** viża") u B2 ("il-passaporti kollha") tal-Anness III.

Ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkollhomx l-obbligu li jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza validu jew viża ta' soġġorn fit-tul jistgħu jużaw il-korsiji indikati bit-tabella fil-parti B1 ("***mhux meħtieġa*** viża") tal-Anness III ta' dan ir-Regolament. Huma jistgħu wkoll jużaw il-korsiji indikati bit-tabella f'B2 ("il-passaporti kollha") tal-Anness III ta’ dan ir-Regolament.

(b) Il-persuni l-oħra kollha għandhom jużaw il-korsiji indikati bit-tabella fil-parti B2 tal-Anness III.

L-indikazzjonijiet fuq it-tabelli msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu jistgħu jkunu bil-lingwa jew bil-lingwi li kull Stat Membru jqis xierqa.

Id-disponibilità ta' korsiji separati indikati bit-tabella fil-parti B1 ("***mhux meħtieġa*** viża") tal-Anness III ***mhix obbligatorja***. ***L-Istati Membri*** għandhom jiddeċiedu jekk għandux ikun hemm tali korsiji u f'liema punti ta' qsim tal-fruntiera skont il-ħtiġijiet prattiċi.".

***(6a) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 5 għandu jitħassar.***

(7) It-titolu u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 10 huma emendati kif ġej:

***"L-Artikolu 10 - Ittimbrar tad-dokumenti tal-ivvjaġġar"***

"(a) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/38/KE, iżda li ma jippreżentawx il-karta ta' residenza prevista f'dik id-Direttiva, għandhom jiġu ttimbrati mad-dħul u mal-ħruġ.

Id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jgawdu mid-dritt skont il-liġi tal-Unjoni għal moviment liberu, iżda li ma jippreżentawx il-karta ta' residenza prevista fid-Direttiva 2004/38/KE, għandhom jiġu ttimbrati mad-dħul u mal-ħruġ.";

(b) fil-paragrafu 3, għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin (f) u (g):

"(f) għad-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-ekwipaġġ ta' ferroviji tal-passiġġieri u tal-merkanzija li joperaw konnessjonijiet internazzjonali;

(g) għad-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jippreżentaw karta ta' residenza prevista fid-Direttiva 2004/38/KE.";

***(bb) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"Eċċezzjonalment, fuq talba ta' ċittadin ta' pajjiż terz, jista' ma jsirx timbru ta' dħul jew ta' ħruġ, jekk it-timbru jista' jikkawża diffikultajiet serji għal dik il-persuna. F'dak il-każ, id-dħul jew il-ħruġ għandu jkun irreġistrat fuq folja separata bl-indikazzjoni tal-isem u n-numru tal-passaport. Din il-folja għandha tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jżommu l-istatistika ta' każijiet eċċezzjonali bħal dawn u jistgħu jipprovdu dik l-istatistika lill-Kummissjoni.".***

(8) L-Artikolu 11 għandu jiġi emendat kif ġej:

*"(a)* il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każ li l-preżunzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix imwaqqa', iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jerġa' jirritorna skont id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment u skont il-leġislazzjoni nazzjonali li tirrispetta lil dik id-Direttiva***";

***(b)*** ġie miżjud il-paragrafu 4 ġdid:

"Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mutatis mutandis fin-nuqqas tat-timbru tal-ħruġ".

---

***ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.".***

(9) Il-***paragrafu 5*** tal-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 33 fir-rigward ta' miżuri addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza.";

***(9a) Fl-Artikolu 12 żid it-tieni sentenza fl-aħħar tal-paragrafu 1:***

***"Persuna li tkun qasmet fruntiera illegalment u li ma għandha l-ebda dritt tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi arrestata u ssir soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment*.***

---

****ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.".***

(10) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiġbru statistika dwar in-numru ta' persuni li jkun inċaħdilhom id-dħul, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda, iċ-ċittadinanza tal-persuni miċħuda u t-tip ta' fruntiera (art, ajru jew baħar) li fiha kien miċħud id-dħul u għandhom jippreżentaw din l-istatistika ***kull sena lill-Kummissjoni (Eurostat)*** skont ir-Regolament (KE) Nru. 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali.**

---

****ĠU L 199, 24.12.2008, p. 23.".***

(11) Fl-Artikolu 15(1), it-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-gwardji tal-fruntiera jkunu professjonisti speċjalizzati u mħarrġa sew, b'kont meħud tal-kurrikuli komuni għall-formazzjoni tal-gwardji tal-fruntiera stabbiliti u żviluppati mill-Aġenżija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004. Il-kurrikuli ta' taħriġ għandhom jinkludu taħriġ speċjalizzat biex jiġu individwati ***u trattati*** sitwazzjonijiet li jinvolvu ***persuni vulnerabbli, bħal*** minorenni mhux akkumpanjati u vittmi ta' traffikar. L-Istati Membri***, bl-appoġġ tal-Frontex,*** għandhom iħeġġu lill-gwardji tal-fruntiera biex jitgħallmu l-lingwi ▌ meħtieġa għat-twettiq ta' dmirijiethom.".

(12) Fl-Artikolu 18, it-tieni paragrafu, ir-referenza "4,"qed tiddaħħal wara l-kelma "Artikoli".

(13) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

"(a) ▌ il-punti li ġejjin (g) u (h) jiżdiedu ***mal-ewwel subparagrafu*:**

"(g) servizzi ta' salvataġġ, il-pulizija u s-servizzi tat-tifi tan-nar u l-gwardja tal-fruntiera;

(h) il-ħaddiema offshore.";

(b) fit-tieni subparagrafu r-referenza "4," qed tiddaħħal wara l-kelma "Artikoli".

(14) Fl-Artikolu 21, il-punt (d) ***jiġi emendat kif ġej***.

***"(d) il-possibbiltà għal Stat Membru li bil-liġi jipprevedi obbligu fuq ċittadini ta' pajjiż terz li jirrapportaw il-preżenza tagħhom fit-territorju tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta' Schengen."***

(15) L-Artikolu 32 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 32

Emendi għall-Annessi

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 33 fir-rigward ta' emendi għall-Annessi III, IV u VIII.";

(16) L-Artikolu 33 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 33

Eżerċizzju tad-delega

1. Is- ▌setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ***biex jiġu adottati l-atti ddelegati*** msemmija fl-Artikoli 12(5) u 32 għandha tingħata ***lill-Kummissjoni*** għal perijodu ta' żmien mhux determinat minn ***.**

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 12(5) u (32) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ b'effett mill-jum ta' wara l-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data sussegwenti speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 12(5) u 32 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** minn notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjonijiet li mhux ser joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'***xahrejn*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew ***tal***-Kunsill."

---

**** ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.".***

(17) Fl-Artikolu 34(1), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-lista ta' permessi ta' residenza, li tiddistingwi bejn dawk koperti mill-punt (a) tal-Artikolu 2 punt 15 u dawk koperti mill-punt (b) tal-Artikolu 2 punt 15 u akkumpanjata minn kampjun għal permess koperti mill-Artikolu 2 punt 15 (b). Il-karti ta' residenza maħruġa f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE għandhom ikunu speċifikament immarkati bħala tali ***u għandu jiġi pprovdut kampjun għal dawk il-karti ta' residenza li ma nħarġux skont il-format uniformi stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1030/2002.".***

***(17a) Fl-Artikolu 34(1), jiżdied il-punt (ea)imniżżel hawn taħt:***

***"(ea) l-eċċezzjonijiet għar-regoli dwar il-qsim tal-fruntieri esterni msemmijin f'punt (a) tal-Artikolu 4(20);"***

***(17b) Fl-Artikolu 34(1), jiżdied il-punt (eb)imniżżel hawn taħt:***

***"(eb) l-istatistika msemmija fl-Artikolu 10(3)."***

(18) Fl-Artikolu 37, l-ewwel sentenza qed tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-Artikolu 21(c) ***u (d),*** bil-penali kif imsemmija fl-Artikolu 4(3) u bil-ftehimiet bilaterali awtorizzati minn dan ir-Regolament.".

(19) L-Annessi III, IV, VI, VII u VIII ***għar-Regolament (KE) Nru 562/2006*** huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

*Emenda tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen*

Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ▌ hija ***b'dan*** emendata kif ġej:

***(-1a) fl-Artikolu 18(1), l-ewwel sentenza, il-kelmiet "tliet xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum";***

***(-1b) fl-Artikolu 20(1), il-kelmiet "tliet xhur waqt is-sitt xhur wara d-data tal-ewwel dħul" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum waqt kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";***

***(-1c) fl-Artikolu 20(2), il-kelmiet "tliet xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum";***

***(-1d) fl-Artikolu 21(1), il-kelmiet "tliet xhur fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";***

(1) L-Artikolu 21 paragrafu 3 għandu jitħassar;

(2) L-Artikolu 22 għandu jiġi emendat kif ġej:

***"Aljeni li jkunu daħlu legalment fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti jistgħu jkunu obbligati li jirrappurtaw, skont il-kondizzjonijiet stipulati minn kull Parti Kontraenti, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti tat-territorju fejn jidħlu. Dawn l-aljeni jistgħu jirrappurtaw, jew malli jidħlu jew fi żmien tlett ijiem tax-xogħol minn meta jidħlu, skont id-diskrezzjoni tal-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha jidħlu.".***

(3) L-Artikolu 136 għandu jitħassar.

***Artikolu 2a***

***Emenda għar-Regolament (KE) Nru 810/2009***

***Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 huwa b'dan emendat kif ġej:***

***(1) fl-Artikolu 1(1), il-kelmiet "tliet xhur fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";***

***(2) fil-punt (a) tal-Artikolu 2(2), il-kelmiet "tliet xhur fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur mill-ewwel data ta' dħul" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";***

*(3) fil-punt (b) tal-Artikolu 25(1), il-kelmiet "sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "180 jum" fiż-żewġ postijiet u l-kelmiet "tliet xhur" għandhom jiġu sostitwiti bi "90 jum";*

*(4) fil-punt (iv) tal-Artikolu 32(1)(a), il-kelmiet "tliet xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum" u l-kelmiet "sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum";*

*(5) fil-punt 4 tal-forma standard li tidher fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 810/2009 l-kelmiet "tliet xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum" u l-kelmiet "sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "180 jum";*

*(6) fil-punt 4, l-aħħar sentenza tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-kelmiet "kull perjodu ta' sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";*

*(7) fl-Artikolu 5(2) tal-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 810/2009, il-kelmiet "3 xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum".*

*Artikolu 2b*

*Emenda għar-Regolament (KE) Nru 539/2001*

*Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:*

*(1) fl-Artikolu 1(2), il-kelmiet "total ta' mhux aktar minn tliet xhur" għandu jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum";*

*(2) L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

*"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni ta' „viża" kif definita fl-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi*.*

---

**ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1."*

*Artikolu 2c*

***Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1683/95***

***L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1683/95 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni ta' „viża" kif definita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi*.***

---

***ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1."***

*Artikolu 2d*

***Emenda għar-Regolament (KE) Nru 767/2008***

***Ir-Regolament 767/2008 huwa b'dan emendat kif ġej:***

***Fil-punt (iv) tal-Artikolu 12(2)(a) il-kelmiet "tliet xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "90 jum" u l-kelmiet "sitt xhur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "180 jum".***

*Artikolu 3*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ f'[…] jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

***L-Artikoli 2a, 2b, 2c u 2d ta' dan ir-Regolament għandhom jidħlu fis-seħħ 90 jum wara d-data stipulata fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi […],

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

<u>**ANNESS**</u>

L-Annessi III, IV, VI, VII u VIII ***għar-Regolament (KE) Nru 562/2006*** huma ***b'dan*** emendati kif ġej:

(1) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

"(a) It-Taqsima B qed tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI B1: ' ***mhux meħtieġa*** viża';



Parti B2: 'il-passaporti kollha'.




";

(b) fil-Parti C, it-tabelli li ġejjin għandhom jiddaħħlu bejn it-tabelli "UE, ŻEE, CH" u t-tabelli “IL-"PASSAPORTI KOLLHA":

"










".

***Emendi għall-Annessi***

(2) Fl-Anness IV punt 3, l-ewwel paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Meta ċittadini ta' pajjiż terz, li għandhom l-obbligu li jkollhom viża, jidħlu u joħorġu, it-timbru għandu jsir ***bħala regola ġenerali*** fuq il-paġna faċċata tal-paġna li fuqha jkun hemm imwaħħla l-viża.".

(3) Fl-Anness VI, il-punt 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) jiddaħħal il-punt 1.1.4 li ġej:

"*1.1.4. Punti* ***kondiviżi*** *għall-qsim tal-fruntieri*

1.1.4.1. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ***jew iżommu*** ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi terzi ġirien tagħhom rigward l-istabbiliment ta' punti kondiviżi għall-qsim tal-fruntieri fejn ***l-Istat Membru u l-gwardji tal-fruntiera tal-pajjiż terz iwettqu wieħed wara l-ieħor verifiki tad-dħul u tal-ħruġ*** f'konformità mal-leġislazzjoni tagħhom fit-territorju tal-parti l-oħra. Il-punti ***kondiviżi*** għall-qsim tal-fruntieri jistgħu jkunu fit-territorju tal-Istat Membru jew fit-territorju ta' pajjiż terz.

1.1.4.2. *Punti **kondiviżi** għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru:* Ftehimiet bilaterali li jistabbilixxu punti ***kondiviżi*** għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru għandhom jinkludu awtorizzazzjoni għal gwardji ta' pajjiżi terzi biex jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fl-Istat Membru, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

**"(a)** ***Protezzjoni internazzjonali***: Ċittadin ta' pajjiż terz li jitlob protezzjoni internazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru għandu jingħata aċċess għal proċeduri rilevanti tal-Istat Membru ***skont l-acquis tal-UE dwar l-asil.***

**(b)** *L-arrest ta' persuna jew is-sekwestru ta' proprjetà*: Jekk gwardji tal-fruntieri ta' pajjiż terz isiru konxji mill-fatti li jiġġustifikaw l-arrest jew it-tqegħid taħt protezzjoni ta' persuna jew is-sekwestru ta' proprjetà, huma għandhom jinformaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru b'dawn il-fatti u l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jiżguraw segwitu adatt skont il-liġi nazzjonali, tal-UE u internazzjonali, indipendentement miċ-ċittadinanza tal-persuna kkonċernata.

**(c)** ***Persuni li jidħlu fit-territorju tal-UE u li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni***: Il-gwardji tal-fruntiera ta' pajjiżi terzi m'għandhomx iżommu lill-persuni li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni milli jidħlu fit-territorju tal-UE. Jekk ikun hemm raġunijiet li jiġġustifikaw ċaħda għall-ħruġ mill-pajjiż terz ikkonċernat, il-gwardji tal-fruntiera tal-pajjiż terz għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar dawn ir-raġunijiet u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-każ ikun segwit b'mod xieraq skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi internazzjonali.

1.1.4.3. *Punti **kondiviżi** għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju tal-pajjiż terz*: Ftehimiet bilaterali li jistabbilixxu punti ***kondiviżi*** għall-qsim tal-fruntieri li jinsabu fit-territorju ta’ Stat Membru għandhom jinkludu awtorizzazzjoni għal gwardji ta’ pajjiżi terzi biex jeżerċitaw id-dmirijiethom fil-pajjiż terz. ***Għall-fini ta' dan ir-Regolament, kwalunkwe kontroll imwettaq mill-gwardji tal-fruntiera tal-Istati Membri f'punt kondiviż għall-qsim tal-fruntieri li jinsab fit-territorju ta' pajjiż terz għandu jitqies li jitwettaq fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. Il-gwardji tal-fruntiera tal-Istati Membri għandhom jeżerċitaw dmirijiethom*** skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

**“(a)** ***Protezzjoni internazzjonali***: Ċittadin ta' pajjiż terz li jkun għadda minn kontroll tal-ħruġ magħmul minn gwardji tal-fruntiera ta' pajjiż terz u sussegwentement jitlob il-protezzjoni internazzjonali lill-gwardji ta' Stat Membru li jkunu preżenti fil-pajjiż terz, għandu ***jingħata*** aċċess għall-***proċeduri rilevanti tal-Istati Membri acquis tal-UE dwar l-asil***. L-awtoritajiet ta' pajjiż terz għandhom jaċċettaw it-trasferiment tal-persuna kkonċernata fit-territorju tal-Istati Membri.

**(b)** *L-arrest ta' persuna jew is-sekwestru ta' proprjetà*: Jekk xi gwardji tal-fruntiera ta' Stat Membru jsiru konxji minn fatti li jiġġustifikaw l-arrest jew l-għoti ta' protezzjoni lil persuna jew is-sekwestru ta' propjetà, huma għandhom jaġixxu skont il-***liġi*** ▌ nazzjonali***, tal-UE u internazzjonali***. L-awtoritajiet ta' pajjiż terz ***għandhom*** jaċċettaw jew joġġezzjonaw it-trasferiment tal-persuna kkonċernata fit-territorju ta' Stat Membru.

***(c) Aċċess għas-sistemi tal-IT:: Il-gwardji tal-fruntiera tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw is-sistemi ta' informazzjoni biex jipproċessaw data personali skont l-Artikolu 7. L-Istati Membri għandhom jiġu permessi jistabbilixxu l-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà mitlubin mil-liġi tal-UE sabiex tkun protetta d-data personali kontra l-qerda aċċidentali jew illegali jew it-telf aċċidentali, it-tibdil, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzat, inkluż l-aċċess mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi.***

1.1.4.4**.** L-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonsulta mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-Ftehim ***mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE*** qabel ma jikkonkludi jew jemenda kwalunkwe Ftehim bilaterali dwar punti ***kondiviżi*** ta' qsim tal-fruntiera ma' pajjiżi terzi ġirien. ***Ftehim bilaterali diġà eżistenti għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Jekk il-Kummissjoni tqis li l-Ftehim ikun inkompatibbli mal-***leġislazzjoni rilevanti tal-UE***, din għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru għandu jieħu l-passi kollha xierqa biex jemenda l-Ftehim fuq tul ta' żmien raġonevoli b'tali mod li jelimina l-inkompatibbiltajiet stabbiliti. ▌ ";

(b) il-punti 1.2.1 u 1.2.2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1.2.1. Għandhom jitwettqu verifiki kemm fuq il-passiġġieri u kif ukoll fuq l-ekwipaġġ ta' ferroviji li jaqsmu l-fruntieri esterni, inklużi dawk fuq ferroviji tal-merkanzija jew ferroviji vojta. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali ***jew multilaterali*** dwar kif għandhom jitwettqu dawk il-verifiki, b'rispett tal-prinċipji stipulati fil-punt 1.1.4. Dawk il-verifiki għandhom jitwettqu b'wieħed mill-metodi li ġejjin:

– fl-ewwel stazzjon tal-wasla jew fl-aħħar stazzjoni tat-tluq fit-territorju ta' Stat Membru,

– fuq il-ferrovija, waqt tranżitu bejn l-aħħar stazzjoni tat-tluq f'pajjiż terz u l-ewwel stazzjoni tal-wasla fit-territorju ta' Stat Membru jew viċeversa,

– fl-aħħar stazzjon tat-tluq jew fl-ewwel stazzjoni tal-wasla fit-territorju ta' pajjiż terz.

1.2.2. Barra minn hekk, u sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku tal-ferroviji tal-passiġġieri b'veloċità għolja, l-Istati Membri li jkunu fuq l-itinerarju ta' dawn il-ferroviji minn pajjiżi terzi jistgħu wkoll jiddeċiedu, bi qbil komuni mal-pajjiżi terzi kkonċernati u b'rispett tal-prinċipji stipulati fil-punt

1.1.4., li jwettqu verifiki fuq il-persuni fuq ferroviji li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, bl-użu ta’ wieħed mill-metodi li ġejjin:

– fl-istazzjonijiet f'pajjiż terz fejn il-persuni jimbarkaw fuq il-ferrovija,

– fl-istazzjonijiet fejn il-persuni jiżbarkaw fit-territorju tal-Istati Membri,

fuq il-ferrovija waqt it-transitu bejn l-istazzjonijiet fit-territorju ta' pajjiż terz u l-istazzjonjiet fit-territorju tal-Istati Membri, bil-kondizzjoni li l-persuni jibqgħu fuq il-ferrovija.".

(4) Fl-Anness VI, il-punt 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

“(a) ▌il-punt ***3.1.1.***▌jiġi sostitwit b'dan li ġej:

***“3.1.1. Verifiki fuq bastimenti għandhom jitwettqu fil-port tal-wasla jew tat-tluq, jew f'żona maħsuba għal dan il-għan, li tkun tinsab eżatt fil-qrib tal-bastiment jew abbord il-bastiment fl-ilmijiet territorjali kif iddefinit mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar.*** L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet▌li permezz tagħhom ikunu jistgħu jitwettqu wkoll verifiki waqt il-qsim jew, mal-wasla jew t-tluq tal-bastiment, fit-territorju ta’ pajjiż terz, b’rispett tal-prinċipji stipulati fil-punt 1.1.4.***";***

(b) il-punti 3.1.2, 3.1.3., 3.1.4 u 3.1.5 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3.1.2. Il-kaptan, ***l-aġent tal-bastiment*** jew ***kwalunkwe*** persuna oħra debitament ***awtorizzata mill-kaptan jew awtentikata b'mod aċċettabbli għall-awtorità pubblika kkonċernata*** (fiż-żewġ istanzi minn hawn 'il quddiem 'il-kaptan'), għandu jħejji lista tal-membri tal-ekwipaġġ u ta' kwalunkwe passiġġier li jkun fiha l-informazzjoni mitluba ***fil-formola 5 (lista tal-membri tal-ekwipaġġ) u fil-formola 6 (lista tal-passiġġieri) tal-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali*** ***(****Konvenzjoni tal-****FAL)*** kif ukoll ▌, fejn applikabbli, in-numru tal-viża jew tal-permess ta' residenza sa mhux iktar tard minn

– erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-wasla fil-port, jew

– mhux aktar tard mill-ħin li fih il-bastiment jitlaq mill-port preċedenti, jekk it-tul tal-vjaġġ ikun ta' inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, jew

– jekk il-port tad-destinazzjoni ma jkunx magħruf jew ikun inbidel matul il-vjaġġ, hekk kif din l-informazzjoni tkun disponibbli.

Il-kaptan għandu jibgħat il-lista(i) lill- ▌ gwardji tal-fruntieri jew, ***jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan, lil awtoritajiet rilevanti oħrajn li*** għandhom jibagħtu ***l-listi*** mingħajr dewmien lill-gwardji tal-fruntieri ▌."

3.1.3. Konferma ta' riċevuta ***(kopja ffirmata tal-listi jew konferma ta' riċevuta b'mod elettroniku)*** għandha tintbagħat lura lill-kaptan ***mill-gwardji tal-fruntieri jew mill-awtoritajiet imsemmijin fil-punt 3.1.2.***, li għandhom juruha jekk jiġu mitluba, meta l-bastiment ikun fil-port.

3.1.4. Il-kaptan għandu jirrapporta immedjatament lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ jew fin-numru ta' passiġġieri.

Barra minn hekk, il-kaptan għandu jinnotifika minnufih lill-awtoritajiet kompetenti, u fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 3.1.2., dwar il-preżenza abbord ta' passiġġieri klandestini. Il-passiġġieri klandestini, madankollu, jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan.

B'deroga mill-Artikoli 4 u 7, m'għandhomx isiru verifiki sistematiċi fil-fruntiera fuq persuni li jkunu qegħdin abbord. Madankollu għandha ssir ***spezzjoni*** tal-bastiment u ▌ verifiki ***dwar*** il-persuni abbord mill-gwardji tal-fruntiera ***biss meta dan ikun iġġustifikat*** fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali.

3.1.5. Il-kaptan tal-bastiment għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bit-tluq tal-bastiment f'ħin debitu u skont ir-regoli li jkunu fis-seħħ fil-port ikkonċernat.";

(c) il-punt 3.2.1. għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3.2.1. Il-kaptan ta' bastiment tal-kruċieri għandu jibgħat lill-awtorità kompetenti rispettiva l-itinerarju u l-programm tal-kruċiera, ***hekk kif dawn ikunu ġew stabbiliti u mhux aktar tard minn*** fil-limitu taż-żmien stipulat fil-punt 3.1.2.";

(d) fil-punt 3.2.2., it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"*Madankollu, ▌ ***għandhom jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawk il-bastimenti biss meta dawn ikunu ġġustifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali***.";

(e) fil-punti 3.2.3.(a) u 3.2.3.(b) ir-referenza "punt 3.2.4" qed tiġi sostitwita bir-referenza "punt 3.1.2.";

(f) fil-punt 3.2.3.(e), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"*Madankollu, ▌ ***għandhom jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawk il-bastimenti biss meta dawn ikunu ġġustifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali***.";

(g) il-punt 3.2.4. għandu jitħassar;

(h) fil-punt 3.2.9, it-tieni subparagrafu għandu jitħassar;

(i) fil-punt 3.2.10., għandu jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(i) Il-punt 3.1.2. (obbligu li jingħataw listi tal-passiġġieri u tal-membri tal-ekwipaġġ) ma japplikax. Jekk ikun meħtieġ li ssir lista tal-persuni abbord skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE*, kopja ta' din il-lista għandha tintbagħat mill-kaptan lill-awtorità kompetenti tal-port tal-wasla fit-territorju tal-Istati Membri, mhux iktar tard minn tletin minuta wara t-tluq minn port ta' pajjiż terz.

---

* ĠU L 188, 15.9.2009, p. 35.";

(j) il-punt 3.2.11 li ġej għandu jiżdied:

"3.2.11. Meta traġett li jkun ġej minn pajjiż terz, b'aktar minn waqfa waħda fit-territorju tal-Istati Membri jtella' passiġġieri abbord biss għall-parti tal-vjaġġ li jkun fadal f'dak it-territorju, dawn il-passiġġieri għandhom ikunu soġġetti għal verifika tal-ħruġ fil-port tat-tluq u verifika tad-dħul fil-port tal-wasla.

Verifiki fuq ***persuni*** li, waqt dawn il-waqfiet, diġà jkunu abbord it-traġett u ma jkunux telgħu abbord fit-territorju tal-Istati Membri għandhom jitwettqu fil-port tal-wasla. Il-proċedura bil-maqlub għandha tapplika fejn il-pajjiż tad-destinazzjoni huwa pajjiż terz.";

*(ja) il-punt 3.2.12 li ġej għandu jiżdied:*

***"Kollegament ta' merkanzija bejn Stati Membri***

***3.2.12. B'deroga mill-Artikolu 7, ma għandha ssir l-ebda verifika fuq kollegamenti ta' merkanzija bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar fit-territorju tal-Istati Membri, u li ma jmorru fl-ebda port barra t-territorju tal-Istati Membri u li jikkonsistu fit-trasport ta' oġġetti.***

***Madankollu, għandhom jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawk il-bastimenti biss meta dawn ikunu ġġustifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali.".***

(5) Anness VII, punt 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

"(a) il-punt 3.1. u l-punt 3.2. għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"***3.1.*** B'deroga mill-Artikoli 4 u 7, l-Istati Membri jistgħu ***jawtorizzaw*** lill-baħħara li jkollhom dokument tal-identità tal-baħħara maħruġ skont il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-Dokumenti ta' Identità tal-Baħħara Nru 108 (1958) **jew** Nru 185 (2003), il-Konvenzjoni ta' Londra tad-9 ta' April 1965 u l-liġi rilevanti nazzjonali, biex jidħlu ▌ fit-territorju tal-Istati Membri billi jinżlu l-art biex jibqgħu fiż-żona tal-port fejn jidħlu l-bastimenti tagħhom jew fil-muniċipalitajiet ta' madwar, ***jew joħorġu minnu billi jirritornaw abbord***, mingħajr ma jippreżentaw irwieħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera, bil-kondizzjoni li huma jkunu jidhru fuq il-lista tal-ekwipaġġ, li tkun ġiet sottomessa minn qabel għal verifika mill-awtoritajiet kompetenti, tal-bastiment tagħhom.

Madankollu, skont il-valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali, il-baħħara għandhom ikunu soġġetti għal verifika skont l-Artikolu 7 mill-gwardji tal-fruntiera qabel ma jinżlu l-art.".

(6) Fl-Anness VII punt 6, għandhom jiżdiedu l-punti 6.4. u 6.5. li ġejjin:

"6.4. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punti ta' kuntatt nazzjonali għal konsultazzjoni dwar minorenni u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri il-lista ta' dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali.

6.5. F'każ ta' dubju dwar xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-punti 6.1., 6.2. u 6.3., il-gwardji tal-fruntiera għandhom jużaw il-lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għal konsultazzjoni dwar minorenni."

(7) Fl-Anness VII għandhom jiżdiedu il-punti 7 u 8 li ġejjin:

"7. Servizzi ta' salvataġġ, il-pulizija ▌, is-servizzi tat-tifi tan-nar ***u l-gwardji tal-fruntiera***

L-arranġamenti għad-dħul u l-ħruġ ta' membri tas-servizzi ta' salvataġġ, tal-pulizija ▌, tas-servizzi tat-tifi tan-nar li jaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ***kif ukoll tal-gwardji tal-fruntiera li jaqsmu l-fruntiera fl-e¿erċizzju tal-kompiti professjonali tagħhom*** għandhom jiġu stabbiliti mil-liġi nazzjonali ▌. ***L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu arranġamenti bilaterali ma' pajjiżi terzi mad-dħul u l-ħruġ ta' dawn il-kategoriji ta' persuni***. Dawn l-arranġamenti ***u ftehimiet bilaterali*** jistghu jipprevedu derogi mill-Artikoli 4, 5, u 7.

8. Ħaddiema offshore

B'deroga mill-Artikoli 4 u 7, il-haddiema offshore (li jahdmu fuq pjattaformi taz-zejt, f'impjanti marittimi ta' energija mir-rih, ecc.) li regolarment jirritornaw bil-bahar jew bl-ajru fit-territorju tal-Istati Membri minghajr ma jkunu dahlu fit-territorju ta' pajjiz terz, m'ghandhomx jigu verifikati sistematikament.

Madankollu, għandha tiġi kkunsidrata l-valutazzjoni tar-riskji tal-immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari fejn il-kosta ta' pajji¿ terz tinsab fil-viċinanza immedjata ta' sit offshore, sabiex tkun iddeterminata l-frekwenza li biha jridu jsiru l-verifiki.".

(8) Fl-Anness VIII fil-formola standard, il-frażi "timbru tad-dhul" qed tiġi sostitwita bil-frażi "timbru tad-dħul jew tal-ħruġ" u l-kliem "daħal/daħlet" għandu jiġi sostitwit bil-frażi "daħal/daħlet jew telaq/telqet".

---